MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 46/2007

Il-Pulizija
(Spt. K. Farrugia)

Vs

Mro. Joseph Gatt

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-7 t'Awissu, 2004, u fix-xhur ta' qabel, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita' jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil Anthony u Regina Vella fil-pussess ta' hwejjighom billi ddetjena pjanu, propjeta' taghhom, biex isiru xi tiswijiet, liema tiswijiet qatt ma saru.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Jannar, 2007, li biha, fuq nuqqas ta’ provi, lliberat lill-appellat mill-akkuza migjuba kontra tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-13 ta’ Frar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, w previa s-smiegh tax-xhieda kollha inkluz Anthony u Regina Vella, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe’ li l-Ewwel Qorti, lliberat peress li naqset li taghti differiment biex il-konjugi Anthony u Regina Vella jixhdu meta dawn, skond kif jirrizulta mill-verbal a fol. 5 tal-process, kienu notifikati biex jidhru ghas-seduta w meta, fic-cirkostanzi, t-talba tal-prosekuzzjoni biex jinghata differiment kienet gustifikata ghax dawn kienu xhieda indispensabbli.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat ir-risposta tal-appellat tas-7 ta’ Marzu, 2007.

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat;

Illi dan hu appell li jirrigwarda n-nullita’ tal-procediment quddiem l-Ewwel Qorti w ergo tas-sentenza appellata li segwiet tali procediment. Kif jidher mill-verbal li jinsab fil-process,(fol.5 u 6) fit-30 ta’ Jannar, 2007, meta ssejhet il-kawza, dehret l-Ufficjal Prosekutur u l-imputat assistit minn Dr. Tonio Azzopardi. Il-Prosekuzzjoni irregistrat verbal fejn talbet differiment “*biex Anthony Vella u Regina Vella ikunu prezenti f’ data ohra. L-ahhar darba li dehru l-kwerelanti ma tawx xiehda taghha (Sic!) ghar-raguni li deher li kien hemm qbil bejn il-partijiet u jekk dan il-ftehim*

*ma nzammx mill-ahhar seduta, il-Prosekuzzjoni titlob li jidhru ghas-seduta li jmiss."*

Gie mbaghad verbalizzat ukoll li "*Dr.Tonio Azzopardi ghall-imputat jopponi ruhu ghat-talba ghal differiment peress illi l-ftehim registrat fl-ahhar seduta nzamm debitament mill-imputat u inoltre l-kwerelanti kienu prezenti meta l-kawza giet differita ghall-lum u huwa b' nuqqas ta' rispett lejn il-Qorti li naqsu li jidhru llum. Inoltre bl-obbligazzjoni registrata fl-ahhar verbal il-kwistjoni civili giet ezawrita w ma ghandhiex ghalhekk tissokta f' Sede Kriminali."*

*"Il-Qorti tichad it-talba ghal differiment."*

*"Il-kawza giet deciza."*

Ikkonsidrat;

Dan ifisser li l-Ewwel Qorti lliberat minghajr ma semghet lix-xhieda ewlenin tal-Prosekuzzjoni li kienu l-konjugi Vella. Il-motivazzjoni tal-istess sentenza mbaghad kienet testwalment din:-

*"<u>Fin-nuqqas ta' provi,</u> tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba kontra tieghu."* (Sottolinear ta' din il-Qorti)

Illi ghalkemm fil-verbal fuq citat hemm riferenza ghal xi ftehim li seta' ntlahaq f' seduti precedenti mizmuma quddiem l-Ewwel Qorti (x' aktarx preseduta minn Magistrat differenti) u ghalkemm fuq il-komparixxi hemm imnizzel (prezumibbilment minn dik il-Magistrat differenti) ghadd ta' differimenti tal-kawza li suppost bdiet <u>fl-1 ta' Dicembru, 2004</u>, ma hemm ebda verbali ta' dawn is-seduti fil-process. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tkun taf xi ftehim kien intlahaq jew ma intlahaqx bejn l-appellat u l-konjugi Vella.

Pero', kien x' kien dal-ftehim jekk stess sar, hawn l-azzjoni titmexxa mill-pulizija *"ex officio"* u ma tiddependix mill-kwerela tal-parti leza jew ir-rinunzja taghha w , f' kull kaz, hu ovvju li l-allegati vittmi tar-reat ta' ragion fattasi u cioe'

l-konjugi Vella  kienu x-xhieda ewlenin tal-Prosekuzzjoni w ghalhekk din il-Qorti thoss li dawn ix-xhieda kienu indispensabbli ghall-prosekuzzjoni li mhux ta’ b’ xejn ivverbalizzat talba ghall-differiment biex ikun jistghu jingabu biex jixhdu quddiem l-Ewwel Qorti.

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti, kif preseduta, fis-sentenzi taghha fil-kawzi “**Il-Pulizija vs. Clive Debono**” [14.9.2004], **“Il-Pulizija vs. Anne Montfort”** [30.9.2004], **“Il-Pulizija vs. Kevin Debono”** [1.6.2006] u **“Il-Pulizija vs. Jason Louis Paul Decelis”** [25.1.2007], kellha okkazzjoni li tghaddi in rassenja l-gurisprudenza rilevanti ghall-dan it-tip t’incident u ccitat b’ approvazzjoni s-sentenzi ta’ din il-Qorti diversament preseduta: “**Il-Pulizija vs. Mario Saliba** [15.10.1982];; “**Il-Pulizija vs. Mario Magri”** [28.5.1993]; “**Il-Pulizija vs. Francis Callus**” [30.9.1993]; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zarb”** [22.10.1993]; “**Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et**.” [3.12.1993] u **“I-Pulizija vs. Francis Borg.”** [10.12.1993].

Illi gie ritenut fl-Appell Kriminali **“Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri”** [5.1.1996], li, ladarba ix-xhud ikun debitament notifikat u **sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih**, *(emfasi ta’ din il-Qorti)* il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz, il-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441 (4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525(1)(a) tal-Kap.9, . (App. Krim. **“Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**” [25.7.1994] u ohrajn ).

F’dawn is-sentenzi gie ritenut ukoll li *“l-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet cioe’ il-Prosekuzzjoni rapprezentata mill-Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kaz kontemplat fl-artikolu 373 tal-Kap.9, l-offiz jew kwerelant u mill-banda l-ohra l-imputat. U xhud ma ghandu ebda dritt li jippriva lill-parti li tkun ingungietu biex jixhed mid-depozizzjoni tieghu (Ara. App. Krim.* ***“Il-Pulizija vs. Pierre Schembri”*** *[8.1.1996] u ohrajn.)”*

Ikkonsidrat;

Illi f' dan il-kaz, minkejja li kien hemm talba verbalizzata tal-prosekuzzjoni ghal differiment biex ikunu jistghu jixhdu il-konjugi Vella li kienu indikati bhala xhieda sahansitra *in calce* tal-komparixxi, l-Ewwel Qorti ma ddifferietx il-kawza ghal data ohra w ordnat li dawn ix-xhieda jingiebu quddiemha okkorrendo b' mandat ta' akkumpanjament jew addirittura t' arrest, kif kien indikat li kellha taghmel fic-cirkostanzi, ladarba kien ovvju li l-kaz tal-prosekuzzjoni kien jimpernja fuq dak li kienu ser jixhdu dawn ix-xhieda w ghalhekk kienu xhieda indispensabbli w ladarba il-prosekuzzjoni b' ebda mod ma kienet rrinunzjat ghalihom, anzi ghal kuntrarju fl-istess seduta vverbalizzat talba ghal differiment biex tkun tista' tipproducihom f'seduta ohra.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li sar kien jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali w li jinkwadra pjenament taht l-artikolu 413 (1) (b) (vi) tal-Kodici Kriminali, li proprju jaghti dritt t' appell lill-Avukat Generali f' kazijiet analogi.

Din il-Qorti tifhem u tapprezza s-sens ta' frustrazzjoni li jista' jkollha l-Ewwel Qorti meta tara li minhabba l-assenza, anki kulltant ripetuta ta' xi partijiet, xhieda, avukati jew prosekuturi, ma tkunx tista' twetttaq il-programm ta' xoghol li jkollha ffissat fis-seduta li tkun qed tippresjedi. Tifhem ukoll li forsi l-Ewwel Qorti tkun trid taghti lezzjoni u messagg lill-Prosekuzzjoni biex ghall-futur tiehu hsieb li tara li x-xhieda taghha ma jonqsux milli jidhru biex jiddeponu quddiemha fil-jum stabbilit ghas-smiegh tal-kawza. Imma fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ma tistax hlief tannulla s-sentenza appellata.

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tiddikjara is-sentenza appellata nulla u bla effett w, biex ma jcahhadx lill-appellant u l-appellat mill-beneficcju tad-"*doppio esame",* qed tibghat l-atti tal-kawza lura lill-Ewwel Qorti biex il-kaz

jerga' jinstema w jigi deciz mill-gdid skond il-ligi wara li jinstemghu x-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni w tad-difiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------